# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Kostituzzjonali Nru **221/2022 (AD)**

**JOSEPH LEBRUN (KI 368258M)**

**VS**

**L-AVUKAT ĠENERALI U**
**L-AVUKAT TAL-ISTAT**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru 2023**

**Il-Qorti**:

1. Dan hi sentenza dwar talba ta' Joseph Lebrun sabiex jiġu sfilzati provi mill-proċeduri kriminali miġjuba fil-konfront tiegħu, a bażi tal-fatt illi qed jiġu leżi permezz tagħhom id-drittijiet tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem;

**Fatti tal-Każ**

2. Permezz ta' Rikors Kostituzzjonali datat disgħa (9) ta' Mejju 2022, ir-rikorrent **<u>Joseph Lebrun</u>** ippremetta:

   a. *Illi l-esponent kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Istruttorja nhar is-6 ta' Settembru, 2005 fejn kien ġie akkużat talli:*

      i. *assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jitraffika l-eroina f'Malta;*
      ii. *importa jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tiġi importata l-eroina f'Malta;*
      iii. *forma jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina lil persuni f'Malta; u*
      iv. *kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina.*

   b. *Illi wara proċess fit-tul fejn il-Qorti Istruttorja kienet anke lliberat lill-esponent fl-istadju tal-prima facie, fejn wara, permezz ta' intervent leġislattiv l-esponent reġa' tressaq il-Qorti, finalment il-każ tiegħu jinsab pendenti quddiem il-Qorti Kriminali. Fil-fatt inħarġet l-att ta' l-akkuża li ġġib in-numru 9 tas-sena 2014. Il-Qorti Kriminali ġia kellha okkażjoni tiddeċiedi fuq l-eċċezzjonijiet preliminari però l-ġuri jinsab sine die pendenti proċeduri ta' indoli kostituzzjonali;*

   c. *Illi minn eżami ta' l-atti rriżulta b'mod skjaċċanti li l-każ tal-prosekuzzjoni huwa bbażat fuq CD allegatament kontenenti interċezzjoni ta' diversi telefonati u t-traskrizzjoni tal-kontenut ta' dak ic-CD;*

   *Illi in breve jingħad s-segwenti:*

d. *Illi s-Servizz Sigriet beda jinterċetta ċertu nies in konnessjoni mal-każ in eżami;*

e. *Illi waqt il-kumpilazzjoni li kienet qed tinstema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja per Maġistrat Dr. Anthony Vella ġie eżebit compact disc b'diversi data files allegatament kontenenti r-reġistrazzjoni ta' konversazzjonijiet bejn diversi persuni. Skond il-prosekuzzjoni wieħed minn dawk il-persuni huwa l-esponent. Ġew esebiti wkoll dak li l-prosekuzzjoni ssostni li huma traskrizzjonijiet tal-kontenut tal-compact disc;*

f. *Illi waqt l-istess kumpilazzjoni xehed is-Supretendent Neil Harrison nhar it-23 ta' Settembru 2005 fejn xehed illi kien għamel it-transcripts tat-telefonati li kien għaddielu d-Direttur tas-Servizz Sigriet;*

g. *Illi il-Qorti tal-Magistrati li quddiemha kienet qed tinstema l-kumpilazzjoni innominat lil Martin Bajada bl-inkarigu li jaghmel eżerċizzju ta' lokaliżazzjoni ta' ċerti telefonati u biex ssir "voice compression" ta' wħud mit-telefonati ma' oħrajn sabiex jiġi stabbilit l-involviment o menu ta' l-imputat;*

h. *Illi fir-rapport tiegħu, Martin Bajada innota illi l-compact disc mogħti lilu ma kienx l-oriġinali li fuqu ġew trasferiti r-recordings, u illi meta huwa sema' r-recordings u qara t-traskrizzjoni irriżulta li t-traskrizzjoni ma kienitx tirrifletti d-diskors kollu u/jew id-diskors ma kienx transkritt b'mod kronoloġiku kif seħħ;*

i. *Illi l-esponent kellu okkażjoni jitlob l-isfilz tas-CD u t-traskrizzjoni u dan fl-eċċezzjonijiet preliminari. In effetti fl-eċċezzjonijiet ġie sottomess is-segwenti:*

> *"6. L-esponent jitlob l-isfilz ta' dawk il-partijiet mix-xhieda tas-Supretendent Neil Harrison mogħtija fit-23 ta' Settembru 2005 li ma jikkostitwux*

*depożizzjoni dwar fatti iżda opinjonijiet jekk mhux konġetturi u suppożizzjonijiet u dan kollu minn xhud li jista' jixhed biss dwar fatti u peress li mhux espert ma jistax jagħti opinjonijiet.*

*7. L-akkużat jitlob wkoll l-isfilz tac-CD allegatament kontenenti recordings ta' diversi telefonati mmarkati GS1 kif ukoll kwalsijasi traskrizzjonijiet allegatament ta' l-istess toppings ta' telefonati kif ukoll kwalsjasi referenza għal tali CD u/jew traskrizzjonijiet u dana stante illi:*

*(a) għad-diversi raġunijiet li jirriżultaw mir-relazzjoni tal-espert Martin Bajada u skond ix-xhieda ta' l-istess Martin Bajada u partikolarment dik tat-18 ta' Novembru 2005 fejn inter alia jikkonkludi illi il- 'compact discette, li hija difettuża, mhix first generation copy fejn il-folders kienu recreated, fil-31 ta ' Awissu 2005 fil-14:46 waqt li r-recordings f'dawn il-folders iġibu d-data tal-29 ta' Ġunju 2005 bejn l-10:28 u 12:00. "*

*(b) in oltre kif jirriżulta anke mill-istess xhieda ta' Martin Bajada "mill-analiżi komparattiva li sar fuq talba tad-difiża bejn il-vuċi tal-persuna indikata bl-inizjali / ittra (S) a fol. 142 sa 144 u l-persuna a fol. 261 u 296, dan l-analiżi komparattiv kien fin-negattiv fejn il-persuna (S) mhix l-ebda waħda mill-persuni indikati fit-traskrizzjoni a fol. 261 sa 296."*

*(c) Inoltre mil-istess relazzjoni fil-punt enumerat 3.9 jirriżulta li "fil-konfront ta' D session,*

*teżisti konfużjoni, li tista' tindika tmenin sessjoni meta fil-fatt hemm elenkati tmienja u sittin... in oltre ma hemmx traskrizzjoni ta' erbgħa u tletin sessjoni."*

*(d) Illi kif jirriżulta mix-xhieda kemm ta' Godrey Scicluna kif ukoll tas-Supretendent it-tnejn mogħtija fit-23 ta' Settembru 2005 jirriżulta illi l-imsemmija traskrizzjoni ma ġewx magħmula mill-membri tas-Servizz tas-Sigurta' ai termini tal-Kap. 391 tal-Liġijiet ta' Malta iżda minn persuni estranei għall-istess Servizz ta' Sigurta'. In sostenn ta' dan l-esponent jagħmel referenza għax-xhieda tas-Supretendent Neil Harrison, kont għamilt it-transcripts kif diġà għadt u smajthom kemm-il darba u ċċekkjajthom u sussegwentement ukoll għaddejt it-transcripts ukoll u t-telefonati li kienu għaddewlna lid-Direttur tas-Servizz Sigriet;*

*(e) In oltre ma jeżisti ebda ness fattwali, stante li ma saret ebda tip ta' identifikazzjoni għall-vuċi u allura ebda konnessjoni fattwali bejn dawk ir-recordings u l-akkużat peress illi minn imkien ma jirriżulta illi f'xi waħda mit-telefonati hemm leħen l-akkużat;*

*(f) Oltre raġunijiet oħra li l-akkużat qed jitlob l-isfilz tas-CD u t-transcripts u kull referenza għalihom fil-proċess għal dawn ir-raġunijiet kollha u oħrajn li jistgħu jirriżiulta fis-sottomissjonijiet orali."*

j. *Illi dawn l-eċċezzjonijiet ġew miċħuda permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali per Onor. Imħallef E. Grima fil-31 ta' Jannar 2018;*

k. *Illi l-esponent jilmenta illi skont il-ġurisprudenza nostrana senjatament* ***John Saliba vs L-Avukat Generali et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Lulju 1998 intqal illi espert tal-Qorti ma jista qatt ikun membru tal-Korp tal-Pulizija minħabba li qatt ma jista' jitqies persuna indipendenti. F'dik il-kawża il-Qorti annullat sentenza u lliberat lill-akkużat;*

l. *Illi ssir referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet* ***Sara Lind Eggertsdòttir v. Iceland*** *deċiza fil-5 ta' Lulju 2007, fejn il-Qorti Ewropea għamlet is-segwenti osservazzjoni:*

> *"It should be noted that Article 6 § 1 of the Convention guarantees a right to a fair hearing by an independent and impartial "tribunal" and does not expressly require that an expert heard by that tribunal fulfils the same requirements (see, mutatis mutandis, Mantovanelli v. France, judgment of 18 March 1997, Reports of Judgments and Decisions 1997-11, p. 436, § 33). However, the opinion of an expert who has been appointed by the competent court to address issues arising in the case is likely to carry significant weight in that court's assessment of those issues. In its caselaw the Court has recognised that the lack of neutrality on the part of a court appointed expen may in certain circumstances give rise to a breach of the principle of equality of arms inherent in the concept of a fair trial (see Bönisch v. Austria, judgment of 6 May 1985 (Merits), Series A no. 92, 30-35; and Brandstetter v. Austria, judgment of 28 August*

*1991, Series A no. 21 1, p. 21, 33). In particular, regard must be had to such factors as the expert's procedural position and role in the relevant proceedings (see Bönisch, cited above, 31-35)."*

m. *Illi fil-każ in eżami ċ-ċirkostanzi huma aktar allarmanti minħabba s-Supretendent Neil Harrison lanqas ġie nominat mill-Qorti però tqabbad mis-Servizz Sigriet stess u dak ix-xogħol li wettaq għandu jitqies bħala inkarigu u mhux mera xhieda;*

n. *Għalhekk jekk il-Qorti m' għandhiex tinnomina bħala espert membru tal-Korp tal-Pulizija multo magis meta ġie inkarigat espert ex parte min-naħa tal-prosekuzzjoni;*

o. *Illi di piu, l-preokkupazzjoni mhix waħda akkademika minħabba li kif ġia ingħad l-espert Martin Bajada kien ikkonkluda illi l-compact disc ma kienx l-oriġinali u t-traskrizzjoni ma kienitx tirrifletti d-diskors eżatt fil-compact disc;*

p. *Illi wieħed lanqas ma jista' jargumenta illi l-Qorti eventwalment tkun tista' tisma hi stess il-kontenut tal-compact disc u tevalwa l-kontenut hi stess u dan għaliex irriżulta illi l-proċess li bih ġiet miktuba l-informazzjoni fuq il-compact disc kien wieħed difettuż u allura Martin Bajada kellu juża software apposta biex ittrasferixxa l-informazzjoni għal fuq l-apparat tiegħu;*

3. Għaldaqstant ir-rikorrent, għar-raġunijiet premessi, talab lil din il-Qorti sabiex:

   i. *Tiddikjara li l-fatt illi fil-proċeduri kriminali kontra l-esponent liema proċeduri taw lok għal att ta' akkuża numru 9/2014 ġie esebit CD liema CD ma kienx l-oriġinali li fuqu ġew trasferiti r-recordings tal-allegati telefonati, minħabba li saru t-traskrizzjonijiet tal-kontenut tas-CD mis-Supretendent Neil Harrison li m'huwiex espert indipendenti u*

*minħabba li t-traskrizzjoni ma jirriflettux id-diskors kollu u/jew id-diskors ma kienx transkritt f'mod kronoloġiku kif seħħ, dan jilledi d-drittijiet tal-esponent għas-smigħ xieraq hekk kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem;*

ii. *Tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa, sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettieq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent fosthom illi tordna l-isfilz tal-compact disc u t-traskrizzjonijiet magħmula mis-Supretendent Neil Harrison, u x-xhieda tas-Supretendent Neil Harrison in kwantu tirreferi għal dawn id-dokumenti;*

*u dan taħt dawk il-provveidmenti li jidhrilha xierqa u opportuni;*

4. B'digriet mogħti nhar it-tlettax (13) ta' Mejju 2022, din il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors kostituzzjonali lill-intimati, illi ngħataw għoxrin (20) jum żmien min-notifika għar-risposta. Il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għat-Tlieta, wieħed u tletin (31) ta' Mejju 2022;

5. Permezz ta' risposta konġuntiva datata tletin (30) ta' Mejju 2022, l-**<u>Avukat tal-Istat</u>** u l-**<u>Avukat Ġenerali</u>** eċċepew:

*Illi t-talbiet tar-rikorrent huma sabiex din l-Onorabbli Qorti 'Tiddikjara li l-fatt illi fil-proċeduri kriminali kontra l-esponent liema proċeduri taw lok għal att ta' akkuża numru 9/2014 ġie esebit CD liema CD ma kienx l-oriġinali li fuqu ġew trasferiti r-recordings ta' l-allegati telefonati, minħabba li saru t-traskrizzjonijiet tal-kontenut tac-CD mis-Supretendent Neil Harrison li m'huwiex esperti indipendenti u minħabba li t-traskrizzjoni ma jirriflettux id-diskors kollu u/jew id-diskors ma kienx transkritt f'mod kronoloġiku kif seħħ, dan jilledi d-drittijiet ta' l-esponent għas-smiegħ xieraq hekk kif sanċiti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem.' Ir-*

*rikorrent talab ukoll sabiex din l-Onorabbli Qorti 'Tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa, sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent fosthom illi tordna l-isfilz tal-compact disc u t-traskrizzjonijiet magħmula mis-Supretendent Neil Harrison, u x-xhieda tas-Supretendent Neil Harrison in kwantu tirreferi għal dawn id-dokumenti, u dan taħt dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.'*

*Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-ragunijiet segwenti, li qegħdin jitressqu mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

a. *Illi preliminarjament, l-Avukat Ġenerali jeċepixxi li mhuwiex il-legittimu kontradittur fl-azzjoni istitwita mir-rikorrent u dan skond dak li jipprovdi l-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);*

b. *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji li kienu disponsibbli għalih. Ir-rikorrent qiegħed jabbuża mill-proċess Kostituzzjonali stante illi huwa qiegħed jadopera proċedura straordinarja bħal ma hija l-proċedura odjerna meta għad għandu a disposizzjoni tiegħu rimedji ordinarji sabiex iħares id-drittijiet pretiżi minnu. L-ammissibilta' ta' xhieda u dokumenti fi proċeduri kriminali taqa' fil-kompetenza esklussiva tal-Qrati penali u dan skond il-provvedimenti tal-Kodiċi Kriminali. Jirriżulta li l-lanjanzi mressqa fir-rikors odjern tressqu permezz ta' eċċezzjonijiet preliminari quddiem il-Qorti Kriminali wara li r-rikorrent ġie notifikat bl-Att ta' Akkuża, liema eċċezzjonijiet preliminari ġew deċiżi mill-Qorti Kriminali permezz ta' sentenza datata l-31 ta' Jannar, 2018. Għalkemm ir-rikorrent appella dik id-deċiżjoni, l-appell għadu ma huwiex deċiż peress li d-difiża kienet talbet is-soprassessjoni sakemm tiġi deċiża kawża Kostituzzjonali li kien intavola, u għaldaqstant is-sentenza tal-Qorti Kriminali ma hijiex res judicata. Illi b'żieda ma dan, ir-rikorrent*

*għandu l-possibilta` li jressaq l-oġġezzjonijiet tiegħu quddiem il-Qorti Kriminali. Għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha, fi kwalunkwe każ, tiddeklina milli tistħarreġ ulterjorament l-ilmenti tar-rikorrent a tenur tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

c. *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jeċepixxu l-intempestivita` ta' dawn il-proċeduri. L-esponenti jissottomettu li d-dritt ta' smigħ xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalità tal-proċedura u mhux fir-rigward ta' mumenti minnha bħal ma qiegħed jittanta jagħmel ir-rikorrent. Il-Qrati nostrana kif ukoll ta' Strasburgu dejjem irritenew illi sabiex japplikaw l-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, jridu jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex jiddeterminaw jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, iridu jqisu l-proċess kollu kemm hu fl-assjem tiegħu. Dan ifisser li l-Qorti ma tistax u ma għandhiex tiffoka fuq biċċa waħda mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk issib xi nuqqas, tasal għall-konklużjoni li seħħ ksur tal-jedd għas-smigħ xieraq. Fil-każ odjern, mhux biss jirrriżulta li l-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent għadhom ma humiex konklużi, iżda jirriżulta ukoll li r-rikorrent permezz ta' eċċezzjonijiet preliminari quddiem il-Qorti Kriminali ressaq il-lanjanzi imsemmija fir-rikors odjern, liema eċċezzjonijiet ġew miċħuda mill-Qorti Kriminali. Ir-rikorrent appella minn dik is-sentenza b'aggravji rigwardanti l-lanjanzi mressqa fir-rikors odjern, l-appell iżda għadu ma ġiex deċiż. Għaldaqstant, jirriżulta li r-rikors odjern huwa intempestiv u prematur u għandu jiġi dikjarat bħala tali minn din l-Onorabbli Qorti;*

d. *Illi fil-mertu u bla ħsara għas-suespost, il-pretensjonijiet, l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom;*

e. *Illi ma hemm l-ebda ksur tad-drittijiet tar-rikorrent għas-smiegħ xieraq kif sanċiti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem;*

f. *Illi in kwantu r-rikorrent qiegħed jallega ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-esponenti jeċepixxu li dawn iż-żewġ artikoli jiggarantixxu proċess ġust u smigħ xieraq fil-kuntest ta' garanziji proċedurali. Madankollu, dawn l-artikoli ma jigarantixxu l-ebda dritt li persuna toġġezzjoni għall-produzzjoni ta' prova partikolari u ma jitrattawx l-ammissibilta` o meno ta' prova, iżda jiggarantixxu l-jedd li persuna jkollha l-opportunita' li tiddefendi lilha nfisha fi proċeduri li jinġiebu kontra tagħha jew li hija ġġib kontra ħaddieħor, li tkun assistita fil-proċeduri, li titħalla tipproduċi l-provi in sostenn tat-teżi tagħha, li tiġi trattata b'mod ugwali, u li tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha. Dawn l-artikoli jigarantixxu biss il-protezzjoni proċedurali neċessarji sabiex parti f'kawża ssemma' leħinha u tingħata proċess ġust quddiem Qrati imparzjali u indipendenti. Dak li qiegħed jilmenta minnu r-rikorrent huwa l-ammissibilta` ta' prova u ċioe' CD u traskrizzjonijiet tal-kontenut ta' CD, u għalhekk din il-kwistjoni toħroġ barra mill-garanziji ta' smigħ xieraq u dan stante li tirreferi għas-sustanza tal-proċedura kriminali u mhux limitata għall-kwistjoni ta' proċess ġust;*

g. *Illi in kwantu, ir-rikorrent qiegħed jilmenta li l-persuna li għamlet it-traskrizzjonijiet tar-recordings kien Supretendent ossia is-Supretendent Neil Harrison, l-esponent iwieġeb li s-Supretendent ma ġiex nominat bħala espert mill-Qorti, dan iżda bl-ebda mod ma jfisser li l-prova ma hijiex ammissibli. Ma hemm xejn x'jiġi ċensurat mill-fatt li t-traskrizzjonijiet saru mis-Supretendent Neil Harrison, uffiċjal tal-Pulizija. Għaldaqstant, il-compact disc, it-traskrizzjonijiet magħmula mis-Supretendent Neil Harrison u x-xhieda tas-Supretendent Neil*

*Harrison, inkluż fejn din tirreferi għal dawn id-dokumenti mhux biss huma provi ammissibli, iżda bl-ebda mod ma jistgħu jitqiesu bħala leżivi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif sanċiti taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali. Din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex għalhekk tordna l-isfilz tal-compact disc, it-traskrizzjonijiet magħmula mis-Supretendent Neil Harrison, u x-xhieda tas-Supretendent Neil Harrison. Kif meqjus mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet '<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Angelus Vella Jason Said</u>' deċiża fit-30 ta' Lulju 2015 'Kwantu għat-transcripts, stante li ġew esebiti r-recordings u ndubitament dawn se jissemmgħu lill-ġurati, il-korretezza o meno tat-transcripts ikun jista' jiġi evalwat minn min irid jiġġudika fuq il-fatti. Effettivament ma tridx tkun espert biex tittraskrivi dak li tkun qiegħed tisma'';*

h. *Illi r-rikorrent permezz ta' eċċezzjonijiet preliminari quddiem il-Qorti Kriminali (Att ta' Akkuża 9/2014) ġja ressaq il-lanjanzi mressqa fir-rikors odjern, inkluż it-talbiet magħmulha permezz tat-tieni (2) talba u ċioe' fejn talab l-isfilz tas-CD kontenenti recordings ta' diversi telefonati u tat-traskrizzjonijiet tal-istess, u kwalsiasi referenza għalihom fil-proċess. Kif ikkunsidrat mill-Qorti Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet '<u>Ir-Repubblika ta' Malta Vs Joseph Lebrun</u>' deċiża fil-31 ta' Jannar, 2018:*

*'Illi b'referenza ghal dawn iz-zewg eccezzjonijiet li essenjalment huma marbuta flimkien, l-akkuzat jilmenta ukoll illi dawn id-dokumenti u cioe' ir-recordings tat-telefonati u it-traskrizzjonijiet maghmula ta' l-istess mhumiex l-ahjar prova li setghet tressaq il-Prosekuzzjoni billi dawn ir-recordings huma edited u anke difettuzi u dan kif jirrizulta mir-rapport esebiet mill-espert Martin Bajjada. Issa hawnhekk il-Qorti terga' ghal darb'ohra ittenni, bhal kif ghamlet fl-eccezzjonijiet precedenti, illi ma tistax a priori teskludi l-ammissibbilita ta' dik il-prova u dan ghaliex fil-fehma tad-difiza din tmur kontra "the best evidence rule". Il-piz tal-prova tispetta lill-prosekuzzjoni f'kull process gudizzjarju, min jallega*

*irid jipprova u minn iressaq dik l-prova irid jara illi dik tkun l-ahjar prova li tista' tingieb ghal kaz partikolari. Issa jekk dik il-prova tirrizulta illi hija monka, li hija difettuza, li tqanqal hafna dubbji, li ma tistabbilixxi xejn b'certezza u hija vaga u tipponta f'iktar minn direzzjoni wahda, ser tipprezenta vantagg ghal dik il-parti li kontrieha tkun tressqet dik il-prova. Ma ifissirx illi tali prova ghandha a priori tigi imwarrba ghaliex hija prova fil-fehma tad-difiza"zoppa". Jekk il-Prosekuzzjoni bil-provi li qed tressaq ma tasalx biex tipprova il-kaz taghha sal grad minnha mehtieg fil-kamp penali, allura dan jista' biss ikun ta' beneficcju ghall-akkuzat u hadd iktar. Jekk il-Prosekuzzjoni ma jirnexxiliex tasal biex tistabbilixxi l-appartenenza ta'l-ilhna li jinstemghu fit-telefonati, zgur illi tali prova mhijiex ser tkun ta' detriment ghall-akkuzat, kif donnu qed jilmenta fl-eccezzjoni minnu imqanqla! Jerga jinghad illi jekk kif jallega l-akkuzat tezisti l-impossibilita' illi l-ilhna fuq ic-CD jigu abbinati mal-vuci ta'l-akkuzat, dan ma iwassalx necessarjament ghall-inammissibilita ta' tali prova u cioe' tat-telefonati, per se jew tat-traskrizzjonijiet maghmula mis-Supretendent Harrison, izda biss jekk tali ness ma jigix stabbilit fil-kors tal-guri, allura tali prova ma tilhaqx dak il-grad gholi li jispetta lill-Prosekuzzjoni tressaq biex tipprova il-kaz taghha. Kwindi ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni ukoll qed tigi michuda, b'dan illi jerga' jigi ribadit illi jispetta lill-Imhallef togat illi fl-indirizz finali tieghu jaghti id-direzzjoni opportuna legali lill-gurati dwar il-valur probatorju tal-evidenza prodotta.';*

*i. Illi kif qieset l-Qorti Kriminali fl-istess sentenza, 'Illi finalment dwar il-fatt illi d-Dokument GS1 jirrizulta illi huwa kopja tad-diska originali li fuqhom gew irregistrati it-telefonati, jidher illi dan sehh peress illi l-original ta' l-istess gie esebiet fil-process Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella et. Jidher illi dan il-compact disc imbaghad gie esebiet formalment mid-Deputat Registratur Christopher Camilleri bhala Dokument CC. Illi mix-xhieda tal-imsemmi Deputat Registratur jidher illi dan id-dokument kien gie esebiet fl-atti tal-kawza imsemmija fis-17 ta' Marzu 2008. Illi l-akkuzat jilmenta illi dan id-dokument ghandu jigi sfilzat billi ma tezisti l-*

*ebda kontinwita' fl-evidenza prodotta. Illi anke hawnhekk l-awtenticita o meno tad-dokumenti esebieti tattakka direttament il-valur probatorju taghhom u certament kif inghad jekk dan jirrizulta ippruvat ser jigi imminat il-piz li ghandha tinghata lil din il-prova izda mhux l-ammissibilita taghha. Di piu l-original jinsab esebiet formalment (billi dan jinstab esebiet materjalment f'proceduri kriminali konnessi ma' dan il-kaz u li gahdhom pendenti), u kwindi l-gurati ikunu jistghu jaghmlu il-verifiki opportuni mal-original li ghandu jingieb biex jinstemgha fil-qorti bil-miftuh.' Għalkemm dik is-sentenza ġiet appellata mir-rikorrent, l-appell għadu ma ġiex deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali peress li r-rikorrent talab is-soprassessjoni peress li ntavola proċeduri Kostituzzjonali oħra;*

j. *Illi stante li ma ġewx leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, isegwi li din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent;*

k. *Illi f'kull każ, it-talba sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna l-isfilz tal-compact disc u t-traskrizzjonijiet magħmula mis-Supretendent Neil Harrison, u x-xhieda tas-Supretendent Neil Harrison in kwantu tirreferi għal dawn id-dokumenti, hija nfondata u għandha tiġi miċħuda.*

l. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.*

**Il-Qorti**

6. Reġgħet rat ir-rikors Kostituzzjonali tar-rikorrent Joseph Lebrun datat disgħa (9) ta' Mejju 2022;

7. Reġgħet rat ir-risposta konġuntiva tal-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat datata tletin (30) ta' Mejju 2022;

8. Rat in-nota tar-rikorrent illi permezz tagħha esebixxa estratti mill-proċeduri kriminali mertu ta' dawn il-proċeduri, u cioe: (a) xhieda ta' Martin Bajada datata tlieta (3) ta' Novembru 2005 (**Dok JL1** a fol 21 *et seq* tal-proċess); (b) rapport ta' Martin Bajada (**Dok JL2** a fol 27 *et seq* tal-proċess); (c) verbal datat disgħa (9) ta' Novembru 2005 u xhieda ulterjuri ta' Martin Bajada tal-istess data (**Dok JL3** a fol 150 *et seq* tal-proċess); (d) verbal datat tmintax (18) ta' Novembru 2005 u xhieda ulterjuri ta' Martin Bajada ta' dik id-data (**Dok JL4** a fol 155 *et seq* tal-proċess); (e) rapport ieħor ta' Martin Bajada (**Dok JL5** a fol 168 *et seq* tal-proċess); (f) digriet dwar il-*prima facie* datat tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru 2005 (**Dok JL6** a fol 181 *et seq* tal-proċess); (g) xhieda ulterjuri ta' Martin Bajada mogħtija fit-tmienja u għoxrin (28) t'Awwissu 2013 (**Dok JL7** a fol 187 *et seq* tal-proċess); (h) xhieda ulterjuri ta' Martin Bajada mogħtija fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru 2013 (**Dok JL8** a fol 190 *et seq* tal-proċess); (i) xhieda ulterjuri ta' Martin Bajada mogħtija fid-dsatax (19) ta' Novembru 2013 (**Dok JL9** a fol 192 tal-proċess); (j) xhieda ulterjuri ta' Martin Bajada mogħtija fl-għaxra (10) ta' Diċembru 2013 (**Dok JL10** a fol 193 tal-proċess); (k) xhieda ta' Godfrey Scicluna (**Dok JL11** a fol 194 *et seq* tal-proċess); (l) xhieda tas-Supretendent Neil Harrison (**Dok JL12** a fol 198 *et seq* tal-proċess); (m) fotokopja ta' paġna mill-proċess indikanti fejn huwa esebit *compact disc* li huwa mmarkat Dok GS1 fil-proċess kriminali (**Dok JL13** a fol 207 tal-proċess);

9. Rat in-nota tal-intimati illi permezz tagħha ppreżentaw: (a) vera kopja tal-verbal datat ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru 2013 fil-proċeduri fl-ismijiet *Il-Puliizja vs Joseph Lebrun* bin-numru 791/2005 minn fejn jirriżulta illi d-Deputat Reġistratur Christopher Camilleri esebixxa formalment Dok CC (**Dok A** a fol 215 tal-proċess); (b) vera kopja tax-xhieda tad-Deputat Reġistratur Christopher Camilleri datat ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembrufejn esebixxa formalment CD bħala Dok CC fejn spjega li din is-CD ġiet preżentata minn dak iż-żmien l-Assistent Kummissarju Neil Harrison fil-każ fl-ismijiet *Repubblika ta' Malta kontra Jason Said u Angelo Agius* (**Dok B** a fol 216-217 tal-proċess); (c) vera kopja tal-proċess tal-Qorti

Kriminali tal-Att ta' Akkuża bin-numru 9/2014 fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Lebrun* li jikkontjeni fost atti oħra l-eċċezzjonijiet preliminari imqajma mir-rikorrent, kif ukoll is-sentenza fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Lebrun* mogħtija fil-wieħed u tletin (31) ta' Jannar 2018 (Att tal-Akkuża Nru 9/2014) fejn il-Qorti Kriminali ċaħdet l-eċċezzjonijiet li jirrigwardaw il-lanjanzi mertu tal-proċeduri odjerni (**Dok C** a fol 218 *et seq* tal-proċess); (d) vera kopja tal-proċess tal-Qorti tal-Appell Kriminali bin-numru 9/2014 fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta kontra Joseph Lebrun* li jinkludi fih vera kopja tar-rikors tal-appell fejn il-lanjanzi mertu tal-kawża odjerna tressqu bħala aggravji u fejn jirriżulta li l-appell għadu pendenti (**Dok D** a fol 401 *et seq* tal-proċess);

10. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Joyce Agius**, in rappreżentanza tar-**Reġistratur tal-Qorti Kriminali u Tribunali**, prodotta mill-intimati waqt is-seduta tal-għoxrin (20) t'Ottubru 2022[1], u rat id-dokument minnha esebit u mmarkat **Dok JA1** a fol 450 *et seq* tal-proċess;

11. Rat il-vera kopja ta' sentenza esebita mill-intimati fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella u Jason Said* mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tletin (30) ta' Lulju 2015 (Att t'Akkuża nru 23/2013), immarkata **Dok E** a fol 456 *et seq* tal-proċess;

12. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Stefania Calafato Testa**, Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, prodotta mill-intimati waqt is-seduta tad-dsatax (19) ta' Jannar 2023[2], u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok SCT1 sa SCT3** a fol 468 *et seq* tal-proċess;

13. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Dr Neil Harrison**, prodott mill-intimati waqt is-seduta tad-dsatax (19) ta' Jannar 2023[3];

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 448 *et seq* tal-proċess
[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 463 *et seq* tal-proċess
[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 503 *et seq* tal-proċess

14. Semgħet ix-xhieda ulterjuri ta' **Stefania Calafato Testa**, Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, prodotta mill-intimati waqt is-seduta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar 2023[4];

15. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Christopher Camilleri**, illi fl-2013 kien okkupa l-kariga ta' Deputat Reġistratur fil-Qorti Kriminali, prodott mill-intimati waqt is-seduta tat-tletin (30) ta' Marzu 2023[5];

16. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent datata ħmistax (15) ta' Mejju 2023 (a fol 520 *et seq* tal-proċess);

17. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati, datata tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju 2023 (a fol 547 *et seq* tal-proċess);

18. Rat illi din il-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

19. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

20. Il-Qorti sejra fl-ewwel lok tindirizza l-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari sollevati mill-intimati:

**A. <u>Leġittimu Kontradittur</u>**

21. Fl-ewwel paragrafu tar-risposta tal-intimati, l-Avukat Ġenerali teċċepixxi illi ma hijiex il-leġittima kontradittriċi fl-azzjoni istitwita mir-rikorrenti, u dan skont l-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

[4] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 510 *et seq* tal-proċess
[5] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 517 *et seq* tal-proċess

22. *In primis*, din il-Qorti rat illi, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent issottometta illi l-proċeduri odjerni ġew istitwiti *"kontra l-Avukat Ġenerali bħala l-prosekutur ewlieni ossia l-entita' li talbet u li qed tinsisti li jibqa' fis-seħħ l-ordni ta' ffriżar in kwistjoni"*[6]. Din il-Qorti tirrikonoxxi, iżda, illi dan huwa evidentement żball hekk imsejjaħ *'tal-pinna'*, wisq probabbli kommess f'eżerċizzju ta' *copy-paste* tas-sottomissjonijiet dwar eċċezzjoni simili mogħtija fi proċedura differenti, u għalhekk mhix sejra tikkonsidra din l-eċċezzjoni fid-dawl ta' dan l-iżball, iżda sejra tindaga b'mod indipendenti jekk l-Avukat Ġenerali kellhiex tiġi mħarrka fil-proċeduri odjerni jew le;

23. L-Artikolu 181B tal-Kap 12 jistabbilixxi illi:

> *181B. (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:*
>
> *[...]*
>
> *(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*
>
> *[...]*

24. In oltre, imbagħad, l-Artikolu 3 tal-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali (Kap 90 tal-Liġijiet ta' Malta) jgħid illi l-Avukat Ġenerali għandu s-setgħa illi, *"waħdu jew mal-Pulizija Eżekuttiva jew ma' xi awtorita' oħra li jkollha s-setgħa li tmexxi l-prosekuzzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġitsrati kemm bħala qorti ta' ġudikatura kriminali u kemm bħala qorti istruttorja, imexxi l-prosekuzzjoni jew jassisti fil-prosekuzzjoni ta' kull reat li dwaru persuna tkun tressqet quddiem dik il-qorti"*;

[6] Vide l-ewwel paragrafu f'paġna 12 tan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent, a fol 531 tal-proċess

25. Fil-każ odjern, ir-rikorrent qiegħed jitlob kemm dikjarazzjoni minn din il-Qorti illi qed jiġu leżi d-drittijiet tar-rikorrent għal smigħ xieraq kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll illi jiġu sfilzati l-*compact disc* u t-traskrizzjonijiet magħmula mis-Supretendent Neil Harrison u x-xhieda tal-istess Harrison mill-atti tal-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent;

26. Filwaqt illi l-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern fit-termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali hija l-Uffiċċjal Prosekutur fil-proċeduri kriminali għaddejjin fil-konfront tar-rikorrent. Għaldaqstant, din il-Qorti ma taqbilx mal-Avukat Ġenerali in kwantu teċċepixxi illi mhix leġittima kontradittriċi, stante illi d-deċiżjoni tal-Qorti fil-kawża odjerna mhix waħda illi tista' taffettwa biss il-liġijiet in vigore, iżda waħda illi tista' taffetwa saħansitra anke l-proċeduri kriminali illi qed tmexxi l-Avukat Ġenerali bħala Uffiċċjal Prosekutur fil-konfront tar-rikorrent;

27. Din il-Qorti għalhekk tqis illi, bħala parti illi tista' tiġi affettwata b'mod dirett bid-deċiżjoni illi tingħata minn din il-Qorti fil-proċeduri odjerni, l-Avukat Ġenerali kellha wkoll tingħata l-opportunita' li tressaq l-eċċezzjonijiet tagħha għat-talbiet rikorrenti u li tressaq il-provi kollha tagħha in sostenn tal-istess, kif fil-fatt ingħatat;

28. Konsegwentement, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** l-eċċezzjoni sollevata fl-ewwel paragrafu tar-risposta tal-intimati.

**B. <u>Rimedji Ordinarji</u>**

29. Fit-tieni paragrafu tar-risposta tagħhom, l-intimati jeċċepixxu illi r-rikorrent għadu m'eżawrixxiex ir-rimedji ordinarji li huma disponibbli għalih, stante illi l-lanjanzi mressqa fir-rikors ordjern tressqu permezz ta' eċċezzjonijiet preliminari quddiem il-Qorti Kriminali, ngħatat sentenza dwar l-istess eċċezzjonijiet preliminari nhar il-31 ta' Jannar 2018, u l-appell għadu ma

ġiex deċiż, peress li d-difiża talbet is-soprasessjoni sakemm tiġi deċiża l-kawża odjerna. L-intimati għalhekk isostnu illi din il-Qorti għandha tiddeklina milli tistħarreġ l-ilmenti tar-rikorrent a tenur tal-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-*proviso* tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

30. L-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*
>
> *Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.*

Mill-banda l-oħra, Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet*

*Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

*Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra.*

31. Referenza ssir għal dak illi ġie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Elvia Scerri et vs Awtorita' tad-Djar et***[7], fejn intqal:

*31. Illi huwa risaput li bil-provisos għall-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni, il-Leġislatur ħalla fid-diskrezzjoni prudenti tal-Prim'Awla fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha biex, min-naħa l-waħda ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali jew taħt il-Kap 319 inutilment, iżda min-naħa l-oħra jiġi assigurat li f'każijiet li jimmeritaw li jiġu eżaminati sew taħt il-lenti Kostituzzjonali jew tal-Konvenzjoni, dawn jiġu hekk eżaminati fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li huma jew kienu disponibbli favur il-persuna li tkun qed tallega vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħha. Indubitament, il-provisos marbutin maż-żewġ Artikoli appena msemmija ma humiex intiżi biex il-Qorti taħrab mir-responsabbilita' li tieħu konjizzjoni ta' ilmenti ta' natura kostituzzjonali, iżda mill-perspettiva l-oħra wieħed irid iqis li jekk hemm jew kien hemm rimedji ordinarji adegwati u effettivi, il-Qorti fil-ġurisdizzjoni tagħha kostituzzjonali għandha l-fakolta' tidderiġi ruħha lejn ir-rifjut tal-eżerċizzju tas-setgħat tagħha taħt l-Artikoli*

[7] Rik Nru 59/2010, Qorti Kostituzzjonali, 13 t'April 2018

*kostituzzjonali u konvenzjonali fuq indikat, iżda dejjem meħud kont tal-gravita' tal-leżjoni lamentata, il-konsegwenzi għall-applikant tal-istess leżjoni u l-interess aktar ġenerali tal-pubbliku filli tiġi kjarifikata l-pożizzjoni kostituzzjonali.*

32. Il-Qorti Kostituzzjonali tagħmel imbagħad f'din is-sentenza referenza għall-insenjament tagħha f'sentenza oħra mogħtija minnha stess fl-ismijiet ***Olena Tretyak vs Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs***[8], fejn kienet elaborat kif isegwi:

*Illi dwar din l-eċċezzjoni, għandu jingħad li l-Qorti jkollha, min-natura tal-eċċezzjoni nfisha, tqisha fuq il-bażi ta' dak li jidher mill-atti prima facie. Ma jistax ikun mod ieħor, għaliex jekk il-Qorti kellha tidħol biex tqis il-provi fil-mertu, jkun ifisser li diġa' tkun qieset li hija sejra twettaq il-ġurisdizzjoni tagħha. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-Qorti f'dan l-istadju, tgħid li hija sejra twettaq is-setgħat li għandha biex tisma' l-każ ma jfissirx li b'hekk l-ilment tar-rikorrenti huwa wieħed mistħoqq jew li, minn dak li jirriżulta, ma jistax ikun li l-azzjoni tiegħu tirriżulta li kienet, wara kollox, waħda fiergħa jew maħsuba biss biex iddejjaq;*

*[...]*

*Illi l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala stat ta' fatt attwali u obbjettiv, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-*

[8] Appell Nru 22/2005, Qorti Kostituzzjonali, 16 ta' Jannar 2006

*eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali stat ta' fatt. Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħa tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha* [Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet *Zahra v. Awtorita' tal-Ippjanar* (Kollez. Vol: LXXXIII.i.179)]. *F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti jibqgħalha s-setgħa li tiddeċiedi li ma eċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;*

*Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad dan l-aħħar f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfittxu rimedji oħrajn imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta* [Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet *John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et*];

*Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat* [Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet *Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et* (Kollez. Vol: LXXV.i.106)]. *M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi* [PA Kost **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet *Clitfon Borg vs Kummissarju tal-Pulizija* (mhux pubblikata)];

33. Finalment, imbagħad, il-Qorti Kostituzzjonali tagħmel referenza għal numru ta' prinċipji, bħal speċi *check-list* jew linjigwida, illi għandhom iwasslu lil Qorti sabiex tqis jekk huwiex minnu jew le li r-rikorrent kellu għad-disposizzjoni tiegħu rimedju alternattiv effettiv:

*Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali mezzi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (c) m'hemm l-ebda kriterju stabbilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija*

*diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk seta' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent – minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent* [PA (Kost) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet *Victor Bonavia vs. L-Awtorita' tal-Ippjanar et*]; *(f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lill-Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni* [Ara Kost **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet *Vella vs Bannister et* (Kollez Vol LXXVIII.I.48) u Kost **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet *Visual & Sound Communications Ltd vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et*]; *u (g) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwistjoni kostituzzjonali* [PA Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet *Maria Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija* (mhux pubblikata)]*;*

34. Din il-Qorti sejra tibda billi tikkompara dak illi qiegħed jitlob ir-rikorrent mill-Qorti tal-Appell Kriminali ma' dak illi r-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti:

35. Fl-eċċezzjonijiet preliminari sollevati quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, ir-rikorrent qed jitlob, *inter alia*: (i) l-isfilz ta' partijiet mix-xhieda tax-xhud Supretendent Neil Harrison mogħtija fit-23 ta' Settembru 2005 li jikkostitwixxu opinjonijiet, konġetturi jew supposizzjonijiet; (ii) l-isfilz tas-CD allegatament kontenenti *recordings* ta' diversi telefonati mmarkati GS1 kif ukoll kwalsiasi transkrizzjoni allegatament tal-istess *tappings* ta' telefonati kif ukoll kwalsiasi referenza għal tali CD u/jew traskrizzjonijiet; u (iii) l-isfilz tas-CD esebit quddiem il-Qorti Kriminali mid-Deputat Reġistratur tal-Qorti Kriminali Christopher Camilleri[9];

36. Mill-banda l-oħra, fil-kawża odjerna, ir-rikorrent qiegħed jitlob: (a) dikjarazzjoni li l-fatt illi: (i) fil-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent ġie esebit CD li ma kienx is-CD oriġinali li fuqu ġew trasferiti *recordings* tal-allegati telefonati; (ii) saru traskrizzjonijiet tal-kontenut tas-CD mis-Supretendent Neil Harrison li m'huwiex espert indipendenti; u (iii) t-traskrizjoni ma tirriflettix id-diskors kollu u/jew id-diskors ma kienx traskritt f'mod kronoloġiku kif seħħ, jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq, kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea; u (b) tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa, sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent fosthom illi tordna l-isfilz tas-CD u t-traskrizzjonijiet magħmula mis-Supretendent Neil Harrison u x-xhieda tas-Supretendent Neil Harrison in kwantu tirreferi għal dawn id-dokumenti;

37. Din il-Qorti rat illi, kuntrarju għal dak sottomess mir-rikorrent, hemm mezz ordinarju disponibbli għar-rikorrent sabiex jingħata rimedju għad-danni li minnhom qed jilmenta, liema mezz huwa stess irrikorra għalih u għadu ma ġiex konkluż. Il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali għadhom pendenti, u deċiżjoni favorevoli għar-rikorrent mill-Qorti tal-Appell Kriminali

[9] Vide eċċezzjonijiet 6 sa 8 fir-rikors tal-appell tar-rikorrent, formanti parti minn **Dok** D, a fol 402 *et seq* tal-proċess

tasal tindirizza u tirrimedja l-lanjanzi tar-rikorrent fl-intier tagħhom, mhux b'mod parzjali;

38. Fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Yorgen Fenech vs L-Avukat tal-Istat et***[10] , illi wkoll kienet tirrigwarda leżjoni o meno tad-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq per konsegwenza ta' prova (ossia *statement*) illi r-rikorrent kien qiegħed iqis illi kellha tiġi kkonsidrata mill-Qorti Kriminali bħala inammissibbli, il-Qorti Kostituzzjonali osservat illi,

> ***[K]ull Qorti għandha d-dmir li tapplika u tinterpreta l-liġi ordinarja b'mod li tkun konformi mad-drittijiet fundamentali skont il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni****. Fil-proċeduri kriminali l-attur ser ikollu kull opportunita' li jikkontesta l-validita' tal-istqarrijiet kollha li ta lill-pulizija, kif il-Qorti fehmet li diġa' qiegħed jagħmel quddiem il-Qorti Kriminali. Dan apparti li l-attur ma ressaqx provi u lanqas m'għamel argumenti b'saħħithom li jistgħu jikkonvinċu lil din il-Qorti li hu essenzjali li l-ilmenti tal-attur bażati fuq l-Art 6 u 39 tal-Kostituzzjoni għandhom jiġu mistħarrġa f'dan l-istadju qabel ma jkun hemm konsiderazzjoni tal-ilment tiegħu mill-aspett tal-liġi ordinarja u li għandu jsir fil-Qorti Kriminali.* (Emfasi miżjud)

B'applikazzjoni tal-istess argument għall-każ odjern, il-Qorti tal-Appell Kriminali għandha wkoll id-dmir illi tiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati quddiemha fid-dawl tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent;

39. L-istess ikkunsidrat il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Adrian Agius et vs L-Avukat tal-Istat et***[11], illi kienet tirrigwarda ilment tar-rikorrenti illi provi illi kienu għadhom ser jitressqu fil-proċeduri kriminali

[10] Rik Nru 270/20/2, Qorti Kostituzzjonali, 1 ta' Diċembru 2021
[11] Rik Nru 690/21/1, Qorti Kostituzzjonali, 12 ta' Lulju 2023

miġjuba fil-konfront tagħhom setgħu jkunu leżivi għad-dritt tagħhom għal smigħ xieraq:

> *30. Inoltre, kif sewwa jargumentaw l-appellati, l-appellanti għad għandhom rimedji ordinarji li jistgħu jużaw sabiex jattakkaw l-użu ta' dik ix-xhieda waqt il-kawża kriminali pendenti kontra tagħhom. Biss biss, l-appellanti għandhom il-fakulta' li jitolbu lill-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali biex jiddikjaraw dik ix-xhieda inammissibbli u jordnaw l-isfilz tagħha mill-proċess abbażi tal-liġi ordinarja, xi ħaġa li s'issa ma jirriżultax li għadhom għamlu. [...]*

40. Għaldaqstant, fiż-żewġ każijiet, il-Qorti Kostituzzjonali qieset illi l-ammissibilita' o meno ta' prova miġjuba fi proċeduri kriminali hija punt illi għandu primarjament jiġi indirizzat fil-proċederi quddiem il-Qorti Kriminali, stante illi, fi kwalunkwe każ, il-Qorti Kriminali għandu d-dover illi, fid-deċiżjoni tiegħu, jaċċerta ruħu illi jkunu ser jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tal-akkużat. Dan, fil-fehma tal-Qorti Kostituzzjonali, jikkostitwixxi rimedju ordinarju effettiv u adegwat għal talbiet bħal dawk magħmula fil-kawża odjerna;

41. **Din il-Qorti hija tal-istess fehma**, u tqis illi r-rikorrent kellu fl-ewwel lok jeżawrixxi r-rimedju ordinarju għad-disposizzjoni tiegħu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, preċiżament għall-istess raġunijiet mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi appena ċitati;

42. Gialadarba qed issir referenza għall-fatt illi l-Qorti tal-Appell Kriminali għandha wkoll tara illi jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tal-akkużat meta tqis jekk għandhiex tordna l-isfilz o meno tal-evidenza msemmija mir-rikorrent, din il-Qorti tirrileva illi, allaċċjat ukoll mal-fatt illi r-rikorrent għandu għad-disposizzjoni tiegħu rimedju ordinarju, għandu jiġi osservat ukoll mal-premess dak sottomess mill-intimati fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni sollevata minnhom, u cioe illi **l-proċeduri odjerni huma intempestivi**

stante illi, sabiex japplikaw l-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, iridu jitqiesu l-fatturi proċesswali kollha tal-każ u l-proċess kollu kemm hu fl-assjem tiegħu;

43. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ewropea fl-ismijiet ***Schenk v. Switzerland***[12], il-Qorti Ewropea kellha quddiemha ilment dwar *recording* illi kien ġie ottjenut b'mod illegali (diversament għall-każ odjern), u r-rikorrent kien qiegħed isostni illi l-fatt illi dan ir-*recording* ġie ammess fil-proċeduri penali kien jikkostitwixxi leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq. Il-Qorti Ewropea qalet illi:

> *46. While Article 6 (art. 6) of the Convention guarantees the right to a fair trial, it does not lay down any rules on the admissibility of evidence as such, which is therefore primarily a matter for regulation under national law.*
>
> *The Court therefore cannot exclude as a matter of principle and in the abstract that unlawfully obtained evidence of the present kind may be admissible. It has only to ascertain whether Mr Schenk's trial as a whole was fair.*
>
> *47. Like the Commission it notes first of all that the rights of the defence were not disregarded.*
>
> *The applicant was not unaware that the recording complained of was unlawful because it had not been ordered by the competent judge. He had the opportunity – which he took – of challenging its authenticity and opposing its use, having initially agreed that it should be heard (see paragraph 18 above). The fact that his attempts were unsuccessful makes no difference.*

[12] Appl Nru 10862/84, QEDB, 12 ta' Lulju 1988

44. B’referenza wkoll għal dak ritenut f’***Schenk***, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Chalkley v. The United Kingdom***[13], illi kienet ukoll tirrigwarda l-ammissibilita’ o meno ta’ evidenza fi proċeduri penali u d-dritt tal-akkużat għal smigħ xieraq, il-Qorti rat illi:

> *In the circumstances however, the existence of fair procedures to examine the admissibility and test the reliability of the disputed evidence takes on importance. In that regard, the Court recalls that the applicant’s counsel challenged the admissibility of the recordings in a voir dire, and was able to put forward arguments to exclude the evidence as unreliable, unfair or obtained in an oppressive manner. The judge in a careful ruling however admitted the evidence. This decision was reviewed on appeal by the Court of Appeal which found that the judge had taken into account all the relevant factors and that his ruling could not be faulted. At each step of the procedure, the applicant had therefore been given an opportunity to challenge the reliability and significance of the recording evidence.*
>
> *[...]*
>
> *The Court is satisfied in the circumstances that the trial and appeal satisfied the requirements of Article 6 § 1 of the Convention. It would observe that the use at trial of material obtained without a proper legal basis or through unlawful means will not generally offend the standard of fairness imposed by Article 6 § 1 where proper procedural safeguards are in place and the nature and source of the material is not tainted, for example, by any oppression, coercion or entrapment which would render*

[13] Appl Nru 63831/00, QEDB, 26 ta’ Settembru 2002

*reliance on it unfair in the determination of a criminal charge (see also Schenk, cited above, Khan v. the United Kingdom, no. 35394/97, ECHR 2000-V, and P.G. and J.H. v. the United Kingdom, no. 44787/98, ECHR 2001-IX).*

45. Mill-premess jirriżulta illi l-Qorti Ewropea hija disposta illi tindaga jekk ikunx ġie leż id-dritt fundamentali tal-akkużat għal smigħ xieraq fid-dawl tal-proċeduri fl-assjem tagħhom, cioe *as a whole*, u mhux fir-rigward ta' aspetti biss minnhom. Infatti, hekk kif seta' jiġi konstatat, saħansitra anke f'każijiet t'ilmenti illi ġie leż id-dritt għal smigħ xieraq a bażi tal-fatt illi ġiet ammessa evidenza b'mod illegali (illi assolutament ma jidhirx illi huwa l-każ fil-każ odjern), il-Qorti Ewropea, wara li rat jekk il-proċeduri penali fl-assjem tagħhom jipprovdux lill-akkużat b'mezzi u proċeduri sabiex jikkontesta l-ammissibilita' t'evidenza, ċaħdet it-talbiet tal-akkużat. Dan peress illi qieset illi l-fatt illi l-akkużat ikollu għad-disposizzjoni tiegħu mezzi illi permezz tagħhom jista' jikkontesta l-ammissibilita' t'evidenza, iwassal sabiex il-proċess ikun wieħed illi ma jilledix id-dritt fundamentali sanċit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

46. Fil-każ odjern, din il-Qorti m'għandhiex quddiemha każ fejn qed jiġi allegat illi r-*recordings* jew it-traskrizzjonijiet ġew akkwistati b'mod illegali, iżda każ ferm inqas gravi, fejn qed jiġi allegat illi r-*recordings* u t-traskrizzjonijiet jista' jkun illi fihom difetti. Jidher illi huwa wkoll dikjarat bħala xhud tal-Avukat Ġenerali fil-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali l-espert Dr Martin Bajada[14], illi kien ġie inkarigat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex jeżamina l-istess CDs u traskrizzjonijiet illi minnhom qed jilmenta r-rikorrent. Din il-Qorti ġia kellha l-opportunita' tosserva, aktar 'il fuq, illi r-rikorrent għandu għad-disposizzjoni tiegħu rimedji ordinarji quddiem il-Qrati Kriminali, liema rimedji huwa ħa vantaġġ minnhom iżda għadhom ma ġewx eżawriti. Apparti dawn ir-rimedji, din il-Qorti tfakkar

[14] Vide nota tax-xhieda, tad-dokumenti u tal-oġġetti li ser iġib l-Avukat fil-kawża fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Lebrun*, a fol 228 tal-proċess

ukoll illi f'każ t'eżitu illi mhux favorevoli għalih mill-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, xorta waħda jkun fadallu l-opportunita' illi jressaq prova tal-fatt illi l-evidenza illi minnha qiegħed jilmenta għandha tiġi skartata mill-ġurati, u jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu dwar l-evidenza illi tagħha qiegħed jikkontesta l-ammissibilita' fil-kors tal-ġuri. Dan apparti l-fatt illi l-Imħallef togat jagħti fl-indirizz finali tiegħu d-direzzjoni lill-ġurati dwar il-valur probatorju tal-evidenza prodotta;

47. Għaldaqstant, din il-Qorti tirrileva illi, fid-dawl tal-mezzi u proċeduri kollha illi r-rikorrent għandu għad-disposizzjoni tiegħu f'dak illi jirrigwarda l-ammissibilita' ta' provi u evidenza fil-proċeduri penali, kwalsiasi ilment dwar leżjoni ta' dritt ta' smigħ xieraq huwa, fil-preżent, intempestiv, u dan kemm għaliex ir-rikorrent għandu għad-disposizzjoni tiegħu rimedju ordinarju illi huwa għadu m'eżawrixxiex kompletament, kif ukoll għaliex il-proċeduri penali għadhom għaddejjin fil-konfront tar-rikorrent u ma jistgħux għalhekk f'dan il-punt jitqiesu fl-assjem tagħhom;

48. Ikkunsidrat il-premess, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tuża d-diskrezzjoni mogħtija lilha mill-*proviso* tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-*proviso* tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u tiddeklina illi teżerċita s-setgħat tagħha skond l-istess subartikolu.

**Decide**

49. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **<u>Tiċħad</u>** l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-intimati;

ii. **<u>Tilqa</u>**' t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati, b'dana illi tiddikjara illi sejra tuża d-diskrezzjoni mogħtija lilha mill-*proviso* tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-*proviso* tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha skont l-istess subartikolu; u

iii. **Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet rikorrenti.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**